MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1693/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru :** 1693/05ISB

Chemcare Ltd (C - 21368)

Vs

Evarist Ltd (C - 31844)

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Awissu 2005 fejn is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' mitejn u sbatax il-Lira Maltin u tlettax il-centezmu (lm217.13) bilanc minn somma akbar, dovuti lilha mis-socjeta` konvenuta ghall-bejgh u kkonsenja ta' oggetti fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta, liema ammont baqa` ma thallasx.

Ra illi ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta` konvenuta la kkontestat it-talba illi qed issir u lanqas ma deher rappresentant taghha quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta l-istess talbiet li qed isiru;

Ra x-xhieda ta' Dr Marion Camilleri moghtija fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2006 fejn stqarret bil-gurament taghha illi l-ammont mitlob fl-Avviz kienu ghadu kollu dovut;

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici is-somma ta' mitejn u sbatax il-Lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm217.13).

Bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------